# IN-NAHLA

TA

## AUGUSTIN LEVANZIN

**RIVISTA PERIODICA ANGLO - MALTIA**

**BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.**

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Gieba zewg dac li gharaf hallat il helu mal mehtieg.*
IL POETA LATIN ORAZIU.

**188 (9)** — **IR-RABA SENA** — **SOLD BISS**



DIRETTUR-PROPRIETARIU
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A , D.PH.,LL.B , D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loggia, Rahal G'did, Malta.

MANAGER U CAXXIER : CARMENU CONSIGLIO
60E, It-Triek tal Loggia, Rahal G'did



ABBONAW *ghand il Prof. Levanzin, f'l'Unione Tipografica Maltese, 28, Str. Cristoforo u fil Libreria Critiens, Str. Reale, il Belt.*
HLAS—*Erba xelini cull tnejn u hamsin numru; zewg xelin cull sitta u ghoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kud diem, posta barrania. Tistghu tibaghtu bhala hlas bolli tat-tlieta*


## ID-DIABETE

Il vera diabete ì marda kalila tassew ghad li ma ìx tant comuni u tekred hafna nies mid-dinya coll'a u tispicc'a generalment bil gangrena mhabba fid-dieta sbaliata u il medicini li yordnaw it-tobba lill marid.

Fli Stati Uniti biss, f'popolazion ta xi mia u sbatax il miliun, imutu biha mal mitt elf fis-sena. Awn Malta id-diabete vera ì actarx rari billi dic li yseyhula diabete awn ì glicosuria (zoccor fl'urina), izda yakbel lit-tobba li yseyhula diabete halli b'din il chelma ta biza yitterrorizzaw il morda bil glicosuria u b'ecc yassoggettawhom ghal l'actar curi horox u yerdghulom chemm yifilhu flus.

Il glicosuria ì marda semplici hafna u li ticcura ruhha facilment malli yiffaccia iz-zoccor fl'urina, xi dakkiet f'erbgha-u-ghoxrin sigha, billi tcun geya minn disturb tal funzioni tal fwied mhabba l'ichel sbaliat b'eccess ta zoccor, helu, hobz, ghagin u specialment ta whisky u lucuri ohra.

Tista tigi ucoll mil ghali meta wihed yitfettet fuk telf ta flus yew ta mhabba, yew mhabba il gheyra li billi tkalleb bl'icreh in-nutrizion tista tisviluppa sahansitra il cancru tal fwied.

Mela meta it-Tabib Debono iddedica il ctieb bl'inglis tighu fuk id-diabete, "lill ghaxar t'elef diabeticu li awn f'Malta" yecc ma riedx ibazza bhal hafna tobba ohra il morda bil glicosuria esagera hafna in-numru tad-diabetici billi ghadu ma yafx yiddistingui beyn diabete u glicosuria. Dina ì geya actarx mil fwied u mux mil pancreas bhal ma seyer nghallem yena ciar hafna actar il koddiem halli dawc li sfortunatament yakraw dan il librett tighu ma ysegwux it-tghallim li fih u specialment id-dieta billi b'ecc mux biss il marid ma yfiek katt izda generalment imut b'risultati disastrusi.

Billi fl'America id-diabete u il glicosuria uma comuni hafna mhabba il viziu mishut tal ichel u xorb izzeyed u mhabba il *wear and tear*, u il *worry* terribili tal lotta tal haya u tal finanza vertiginusa, trid yew ma tridx, billi yig'u il miet ta casi f'ideyc icolloc tistudiaha sewwa u yig'u f'ideyc ucoll hafna casi interessanti ferm.

L'ewel darba li bdeyt ninteressa ruhi mil li studiu tad-diabete chien meta cont ked insum fin-Nutrition Laboratory ta Boston. Fuk il beyt tal Laboratoriu famus, l'unicu ghan-nutrizion u l'acbar u l'actar fornit tad-dinya chien emm il gageg tal povri clieb li fukom chien kieghed yistudia id-diabete il Prof. Dr. Joslin li ù icconsiderat bhala l'akwa autorità fuk dil marda fli Stati Uniti coll'a, bl'assistenza tal Professur Benedict u ta li staff famus tighu u bil flus ta Carnegie.

Darba, xi gimgha wara li cont bdeyt is-sawma, tellaghni bil-lift fuk il beyt biex introducieni ma Dr. Joslin li ried yarani u li spiegali gentilment x'risultati chien ked yottieni minn dawn l'esperimenti crudili fuk il clieb tad-diabete artificial billi yiddistruggi il "gzeyer ta Langerhans" mit-tarf tal pancreas, "gzeyer" u organu li ghad niddescrivilcom tayeb actar il kuddiem fin-NAHLA u actarx f'conferenza fil berah ucoll billi ghalia, bin l'Università taghna li ma ghamiltila l'ebda ghayb Barra, uma msabbtin ma wicci, ghal motivi personali u politici, il bwieb tant facili ghall politicanti frustieri, il bibien imsewsa tahha. Il poplu nilhku a dispett tahhom.

Irrid ingharrafcom li l'acbar studii u l'actar profondi fid-dinya fuk id-diabete u il glicosuria saru fli Stati Uniti u specialment minn Joslin u Benedict fil Carnegie Nutrition Laboratory ta Boston feyn somt yena u mil Prof. Allen tal John Hopkins Medical School ta Baltimora li segwa il Metodu ta Guelpa ta Parigi u li yati meta tahdmu tayeb risultati meraviliusi tassew, metodu li gie discuss fit-tul kuddiem l'Accademya tal Medicina tal Metropoli ta Franza, u li gie approvat sahansitra mil Professur Ribot, specialista famus ta dina il marda terribili.

Yena katt ma ninsa il visita li ghamilt f'Parigi lid-Dr. Guelpa snin ilu meta mort biex ifehimni sewwa chif chien ked ifeyak tant casi ta diabete difficilissimi bissawm specialment. Dana it-Tabib Talian famus illum mad-dinya coll'a u li staghna minn dina il cura speciali chien yokghod fi triek b'nizla cherha u li minna chien yinzel it-tram irighed bhal sayetta. Chienet giornata ta xita u ta zliek. Yena rayt it-tram niezel u bil hrara li chelli li nfittex nara u nchellem id-Dr. Guelpa li cont ili gia niccorrispondi mighu, fettilli t'ibleh, nghaddi ghal fuk il banchina l'ohra kuddiem it-tram u zlakt fuk il hadid minn tuli. Chiecu ragel tax-xoghol li chien ghaddey ma hatafnix minn sieki u gibidni malayr it-tram chien yaghmilni tliet bicciet u ma chienx icollcom min yinquietacom actar.

Il visita lill Dr. Guelpa nissietni il pericolu collu.

L'opra tad-Dr. Guelpa ì tradotta fil lingui principali coll'a u ghal min ma yafx bil francis chif chitiba l'autur, nirraccomanda it-traduzion inglisa tad-Dr. Jennings billi fiha ucoll introduzion interessant hafna bir-risultati eccellenti li ottiena dan ic-celebrità inglisa ghad-diabete bil metodu ta Guelpa.

Izda minn dac iz-zmien il metodu Guelpa gie immodificat hafna minn Allen u wara dana minn Stern, it-tneyn americani, famusi, u yena nahseb wara li ipprovayt fuk hafna morda it-tliet metodi li Stern ghandu l'ahyar sistem ta dieta u li bih wihed yottieni risultati tal ghageb u bla medicini ta xeyn. Is-sistem ta Kellogg ù tayeb ferm ucoll.

Emm ucoll il metodu ta Massè ta Parigi u ta Van Noorden ta Vienna, izda is-sistem ta dana, li ysemmi id-Dr. Debono, gie scartat ilu hafna billi fih fosforu, acidu, u cellulosa irritanti wisk ghall catarru ta li stoncu u ta li msaren li yinsabu quasi deyem fid-diabetici, billi f'locu, fl'Europa specialment, ù usat is-sistem Massè li id-Dr. Debono ma ysemmix billi actarx ma sama katt bih.

Is-sistem bil ghasel ta McFadden fl'America yati ucoll risultati sbih ghad li yrid yigi amministrat minn dietologista espert biex ma yzidx iz-zoccor fl'urina.

L'akwa studii fuk id-diabete u il glicosuria fid-dinya saru fil Carnegie Nutrition Laboratory minn Joslin, Benedict, Carpenter u bosta ohrayn ; u il generus Carnegie li gharaf tant yaghmel gid ghall'umanità bil flus cbar tighu, nefak ehemxa g'miela biex gew ippublicati dawc il hafna monografii famusi mad-dinya xientifica coll'a li harget il Carnegie Institution u li uma il pedament ghal min irid tassew yistudia tayeb dina il marda, monografii li actarx it-tabib zinzill Debono katt ma sama bihom.

Fl'America sar studiu cbir ihor fuk id-diabete u il glicosuria fil Battle Creek Sanitarium tal Michigan taht id-direzion tat-Tabib Kellogg, famus mad-dinya coll'a bhala l'akwa autorità tal vegetarianismu. Dana it-tabib famus ghamel miracoli cbar bid-dieta vegetariana u ippublica ctieb famus "New Methods in Diabetes" li yena nirraccomanda bhala l'ahyar manual ghad-diabete ghall dawc coll'a li yridu yottienu risultati sbih fi zmien kasir u bi spisa zghira billi ma yusax medicini u bla il pericolu terribili tal gangrena billi ma yusax laham, hut, etc., fid-dieta famusa tighu.

Yena studiait mighu dana is-sistem ghal xi zmien fis-Sanatoriu famus mad-dinya coll'a tighu meta stedinni biex nati xi conferenzi fuk id-dietologya u il chimica biologica tal alimenti lill cors ta *expert nurses* u studenti tal metodi tighu xi tnax il sena ilu.

Dana l'articolu ù biss bhala introduzion ghall hafna articoli li bi hsiebi nictbilcom fuk dawna il mardiet yecc tibka tohrog' in-NAHLA, u ctibt dal chelmteyn biex nifthilcom ghayneycom li yecc tridu tassew xi hag'a seria u *up-to-date* fuk dal mardiet u li ma iggibx risultati disastrusi li ma takrawx dac il-librett tad-Dr. Debono izda il ctieb famus tad-Dr. Kellogg u li yecc timxu fedelment fuku ma tmutux sgur bil gangrena diabetica li ì hag'a terribili tassew.

Ctibt dana ucoll halli ma tinfluenzawx irwihcom mil articoli servilissimi u bombastici u mimlia duhhan tattiben ta xi giornali ghal giehna serii bhal ma ù il "Chronicle", li chiteb fuk dal librett u ghollieh sa l'oghla sema b'dannu cbir ghall publicu bli stess leggerezza u bli stess inioranza li fahhar kabel il vaccinazion u il Bertu Laferla.

Ghal dawc li yakraw bil malti biss irrid nifthilom ghayneyhom u nirraccomandalom bil hrara ta kalbi coll'a li ma yatu l'ebda widen ghal dac it-tifhir bla xiwa li gieb il "Hmar" fuk dana il librett li ykum il prezz esagerat ta xelin forsi billi dahhal ta dac it-tifhir bla *cognizione di causa* tant soldi cull vers.

Yena nitma li yecc tibka tohrog' in-NAHLA nsib izzmien u il wisa biex mux biss niddiscuti maghcom chelma b'chelma il librett tad-Dr. Debono u nuricom ciar daks id-dawl tax-xemx li sbalii dannusi tighu coll'a izda ucoll li ncun nista naticom bil malti fin-NAHLA l'ahyar idei tal metodi famusi tal famusi specialisti b'fama universali : Kellogg, Joslin, Benedict, Carpenter, Guelpa, Allen, Stern, Massè, Maranon, Van Noorden, Jennings, Pende, Harrower, u bosta ohrayn.

***

It-Tabib J. E. Debono, B.Sc., M.D., M.R.C.S., L.R.C.P., (Lond.) (u il Maltin yidhku bia u yghayruni fanfarun meta ngib it-titoli tighi li nahseb klaytom b'hilti u gharrki u demmi bhalu) beda biex yiddedica din l'opera medica colossali tighu "*to the 10,000 diabetics in Malta.*" Dina hoxna tassew Sur Tabib b'denb ta tenya ittri urayc bhali. Dana yfisser ciar li inti ghadec ma tafx x'inù i veru diabete ghax forsi ghadec katt ma rayt cas tighul yew inchella ghadec ma tghallimtx tiddistingwih mil glicosuria. Li f'Malta awn hafna glicosuria (zoccor fl'urina) yafu cullhadd billi Malta ì famusa mad-dinya medica coll'a ghal dana il fatt, u dana ma ghandna xeyn x'nistaghg'bu bih meta nistudiaw x'ichel tiecol il maggioranza tal Maltin u x'yixorbu.

Mil opera famusa anzi classica tal cbir tabib il g'did li gie, hey, mil Inghilterra, Debono, yirrisulta ciar hafna li dana il futur Professur tal Università hrafa u forca tal poplu taghna ma yafx li il glicosuria ma ghanda quasi xeyn x'taksam mal pancreas izda actarx mal fwied billi ì geya mil funzion glicolitica iddisturbata ta dina il glandola tant important mhabba l'ichel u xorb sbaliat u dannus.

Targ'a dan it-Tabib Coloss tal Medicina Illustri Maltia, ma kalilniex li emm diabet ihor li yisseyah *insipidu* (forsi ghax baza li niehdu dil chelma tant f'wakta ghalih yew ghall opera classica tighu) u li dan id-diabete ma ghandu x'yaksam xeyn mal pancreas yew mal fwied izda ù gey minn disturb fis-sistem nervus u li lankas ma yuri zoccor izda quantità ta urina esagerata.

Izda yena naf li ua ma riedx yincludi dana fil chelma *Diabetes* izda id-*Diabete Mellitus* biss u ghalecc ctibt li mux tassew li ghandna ghaxar t'elef minnom f'Malta u li ua actarx fl'inioranza tighu ma yafx yiddistingwi mil casi tal glicosuria li uma comuni ferm f'Malta. Chien awn minn sefsifli li dan ghamlu apposta biex ibazza bil chelma terribili *diabete* il cull min isibulu ftit zoccor fl'urina halli yohlok b'ecc clientela guappa u yistaghna f'kasir zmien bhal ma staghna u sar Professur xi hadd krib leyh bil massacru tal operazioni tal appendicite specialment u ta operazioni inutili ohra li ghad niddescrivilcom fit-tul u bid-dettalii coll'a necessarii actar il kuddiem.

Dana yena ma irridx lankas biss nahsbu billi naf li tant il Professur Ciccu Debono, (li chien professur tighi u li yena deyem habbeyt u irrispettayt) u l'intelligenti uliedu uma familya ta nies onesti u ta carattru u ghalecc irrid nattribuixxi cull zelka fin-niexef li yehdu u cull sball li yaghmlu u cull hmeria li yghallmu ghal dic il cbira inioranza tal veru progress medicu li del resto ì ir-regola ghat-tobba ta Malta u Ghawdex coll'a bla ebda eccezion hlief ta grad u ta qualità.

Yena nista ncitalom l'acbar autorità tal medicina passata u present, il Cammidge, it-Tuke, l'Allbutt, il Best, il Mc Leod, l'Adami, il Mc Cree, il Pende, il Castellino u hafna ohra biex nurihom li id'diabete ghadu quasi misteriu cbir u oscur ghall ahyar tobba tad-dinya u li ma ux dac issoggett facili li tittrattah, anche bhala manual praticu ghall poplu, fl'erbghin pagina tal librett tighu (ghad li ykum xelin bi profitt tas-600 per cento) terz minnom spaziu abyad. Katt kara yew studia dawn il hafna auturi li ked insemmilu u li nista nsemmilu actar? U yecc le, chif tizzarg'an ticteb b'tant leggerezza u arroganza u inioranza fuk suggett ecc difficili u scabrus bhal dan, ya prusuntus? Mela shabec il Midilca ma kalulecx li f'Malta illum awn dac il mig'nun ta Levanzin li ghandu il hila, l'abiltà u il mezzi biex yuri l'inioranza medica tighec halli ma tcomplix taghmel hsara f'dal pais ta miserya u ta dlam actar milli ghamlu shabec fli mghoddi u ghadom yaghmlu sal-lum, inclus ic-celebri chirurgu erniariu Paulu B.B.B.B.?

Biex niftiehmu ahyar irrid inghid mn'issa stess li yen ma ghandi l'ebda animu ta personalità leyn dana it-Tabib Debono billi ghad lankas ma chelli il cbir onur li nicconoxxih personalment, u li kighed nattacca l'opera classica tighu biss ghax, bhal ma ghad infehimcom u nipprovalcom il kuddiem, ì dannusa hafna ghal hafna mseycna diabetici u glicosurici li ghandna u billi yecc isegwu dac li irraccomanda tant leggerment u iniorantement fiha ma nistenniex hlief disastri cbar u bosta minnom ta dawna il povri vittimi tal Midilca taghna. Almenu nitlob lid-

Dr. McVail is well aware that compulsory re-vaccination laws have been in force in Japan (since 1882), in Hungary (since 1887), in Italy (since 1888), and in France (since 1902), though he makes no reference to the smallpox experiences of these countries. Why?

In the first (1808) edition of the "Facts" pamphlet he did refer to Italy as follows :—

"In Italy, since 1888, vaccination of infants has been compulsory, as has re-vaccination of children attending public schools. Already a great improvement is indicated. In 1881-90 the smallpox death rate was 355 per million per annum, and in 1891-94 it was only sixty-five."

[Dr. McVail might also have mentioned, had he been recording all the facts, that, under the Italian Conscription Law, all young men joining the Army at the age of twenty are again required to be re-vaccinated.]

In the later (1905) edition of the pamphlet the foregoing reference to Italy was dropped like a red hot cinder, because in the epidemic years 1901-5 re-vaccinated Italy suffered severely from smallpox. Here are figures comparing Italy's experience in those years with that of badly-vaccinated England :—

| | Italy | England and Wales |
|---|---|---|
| Population ... ... ... | 32,475,253 | 32,249,187 |
| Total deaths from smallpox, 1901-5 | 15,433 | 4,203 |
| Average annual death-rate per million of population ... | 93.6 | 25.4 |

More recently (1911-12) Italy was again visited by a severe outbreak of smallpox, while England escaped very lightly, as witness the following figures :—

| | Italy | England and Wales |
|---|---|---|
| Total smallpox cases ... | 30,249 | 410 |
| ,, ,, deaths ... | 8,165 | 32 |
| Fatality rate ... ... | 27,0 | 8.0 |

Similar criticisims may be offered in respect of Dr. McVail's omission of all reference to the experience of Japan, where most stringent re-vaccination laws were adopted in 1885. In Japan, in 1908, there were 18,067 cases of smallpox with 5,837 deaths (fatality rate, 32.3 per cent !), and in the four years 1917-20 (in a population of approximately 54,000,000) there were 13,814 cases and 3,397 deaths (fatality rate, 24.6 per cent.) During the latter period of four years in England (population about 37,000,000) there were only 661 cases and sixty-three deaths (fatality rate, 9.5 per cent.)

Dr. McVail's latest figures as to smallpox deaths in Germany do not extend beyond the year 1909, though he makes reference to the number of cases (nearly 11,000) which occurred during the six years 1917-22. The source of his authority for these figures as to the cases also gives the deaths for the years 1917-20 (those for the two later years 1921-2 not being yet available). Here are the figures, together with the similar figures for the same years in this country :—

| Year | Smallpox in | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Germany | | England and Wales. | |
| | Cases | Deaths. | Cases | Deaths. |
| 1917 | 3043 | 456 | 7 (a) | 3 |
| 1918 | 417 | 58 | 65 | 2 |
| 1919 | 4431 | 704 | 294 | 28 |
| 1920 | 2042 | 332 | 281 | 30 |
| | 9933 | 1500 | 651 | 63 |
| Fatality Rate | 15.6 p.c. | | 9.5 p.c. | |
| Population apyrox. | 65,000,000 | | 37,000,000 | |

a) These cases were the lowest ever recorded in one year in this country, and they were all vaccinated !

The mortality figures shown in the above table leave nothing to the credit of the systematic vaccination and re-vaccination of Germany, hence, doubtless, their non-appearance in the "Facts" pamphlet.

There is much else in Dr. McVail's comments on Germany's experience that calls for criticism, but the foregoing facts will suffice to prove that, whatever may be the cause of Germany's relative freedom from serious outbreaks of smallpox since 1874, it is not vaccination and re-vaccination. *

* Further particulars in regard to smallpox and vaccination in Germany will be found in the pamphlet on "The Argument from Germany," published by the National Anti-Vaccination League.

*Published by*

THE NATIONAL ANTI-VACCINATION LEAGUE

*(To be continued)*

—o—o—

## L'EMIGRAZION

—o—

Bosta staksewni ghala schitt quasi ghal collox fuk il question tant vital tal Emigrazion u ghala la ctibt actar fuka u lankas semmeyta fil meetings. Ir-ragiun ì dina u seyer inghida chif inhossa bla ebda animu li nwagg'a il hadd personalment.

Yena ghadni tal opinion kawia illi min irid yemigra yehtieg'lu yfittex, bi preferenza cbira, id-dominii britannici billi fihom emm l'acbar opportunità u ghalecc yahtieg'lu ycun yaf tayeb bl'inglis praticu li yitchellmu emm u mux bl'inglis classicu li nitghallmu fli scheyel u fl'Università hrafa u medioevali taghna.

Igifieri dac li cont insostni kabel ghadni nsostnih sallum, bhal ma ghadni ta fehma kawia li cull min yemigra pahtieg' li ycun ippreparat ghal lotta harxa tal esistenza emmecc billi ycollu xi sengha, xi *training* sewwa, u f'xi hag'a li ì scarsa u li emm bzonna emm u mux bit-training li ghandna awn li ghadu hamsin sena lura.

Mela minn dac collu li cont inhambak ghalih kabel ma biddelt xeyn il fehma tighi billi dawn il hweyeg' li semmeyt uma assolutament indispensabili ghall emigrant malti.

Izda minn mindu geyt Malta, fil ftit zmien li ili awn, fhimt ahyar u tghallimt hafna hweyeg' ohra li uma wisk actar important ghall emigrazion minn dawc li semmeyna fuk. Biex wihed yemigra u yaghmel success ma ux bizzeyed li dana imur f'art feyn emm hafna gid u elf opportunità, mux bizzeyed li wihed icun yaf bl'inglis daks Shakespeare yew li ycun anche l'acbar tecnicu tad-dinya fis-sengha tighu. Biex dawn il hweyeg' coll'a important u preziusi yista wihed yutilizzahom u yaghmel success cbir bihom emm bzonn li yibnihom fuk il pedament tal carattru, u yiddispiacini nghidu bhala Malti izda ycolli nghidu biex ma nittradixxix il verità, din ì il hag'a li ahna scarsi fiha ferm tassew u il buone maniere ucoll u ghalecc cull feyn immorru hadd ma yahmilna u hadd ma yrid icollu x'yaksam maghna, specialment meta immorru fost l'anglo-sassoni li uma tant puntiliusi ghall carattru u ghal li straightforwardness, u ghas-sincerità u ghall puntualità u ghal li rg'ulia.

F'dawna it-tliet xur li ili Malta gia fhimt ciar bizzeyed li awn Malta awn actar opportunità cbar u facili milli emm fl'America yew fl'Australia biex wihed ighaddi il kuddiem u yakla il flus is-sbih. Dana ghad nipprувaulcom fin-Nahla malli nsib zmien u wisa ghalih. Izda ir-ragiun li ghaliha il Malti tant f'paisu chemm ucoll Barra ma yistax ighaddi il kuddiem u yaghmel success cbir ì in-nukkas tal carattru tighu, l'onestà vernic u camuflag tighu f'loc il vera moralità semplici u sinciera li tant yapprezzaw l'Anglo-Sassoni.

Niehu il cas tighi. Geyt awn Malta bl'idea u bixxewka sinciera li naghmel hafna gid lill paisi, u specialment biex nisviluppa li Scola Tecnica li assolutament tant ghandna bzonna u li minnghayra il question tal emigrazion tibka deyem hrafa u mdendla fl'aria. Izda ghad li ghandi il flus lesti u bdeyt gia nipprova biex nimmaterializza il holma tighi gia irruccayt bl'icreh u ma nistax nimxi il kuddiem bil heffa u li speed li nixtiek. L'ewel intopp seriu ù li ma yssibx min yaf yakdi dmiru sewwa ghad li yippretendi hlas cbir tighu u it-tieni, u li ù l'intopp l'actar seriu, ù li ma tista tmiss quasi ma hadd li ù ve-

